**TRIBUNAL TA' REVIŻJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 14 ta' Lulju 2025**

**Rikors Numru 76/2025**

**Alessandro Infurna (K.I. 30398M)**

**Vs**

**[1] Kunsill Dwar il-Professjoni tal-Għalliema f`Malta**
**[2] Is-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni, Sport, Żgħażagħ, Riċerka u Innovazzjoni**
**[3] Ministru għall-Edukazzjoni, Sport, Żgħażagħ, Riċerka u Innovazzjoni**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ippreżentat minn **Alessandro Infurna** fil-20 ta' Marzu 2025 li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:

1. *Illi l-esponenti qieghed jintavola dan l-umli rikors ai termini tal-Artikolu 32 tal-Kap 327 tal-Ligijiet ta' Malta;*
2. *Illi nhar l- 3 ta' Marzu 2025 l-esponenti gie notifikat permezz ta' ittra maħruga mill-Kunsill dwar il-Professjoni tal-Ghalliema f' Malta datata 28 ta' Frar 2025 fejn ġie infurmat illi l-applikazzjoni tieghu ghal ħrug ta' temporary warrant kienet ser tigi michuda;*
3. *Illi f'din l-imsemmija ittra l-istess Kunsill ddetermina is-segwenti:*

   *"From Mr. Infurna's complete criminal records sheet … it transpires that in 2017 the Court of Magistrates as a Court of Criminal Judicature found Mr. Infurna guilty of the offences listed in the said complete criminal records sheet and imposed the punishments stated in the same*

   *In view of the said complete criminal records sheet (enclosed herewith), the Council resolved that:*

   *(i) Mr. Infurna is not qualified to obtain a warrant in terms of Chapter 327 of the Laws of*

*Malta since he has been convicted by a court of criminal jurisdiction of a crime liable to imprisonment for e term exceeding one year as per paragraph (a) to article 30(1) Chapter 327 of the Laws of Malta;*
*(ii) Without the prejudice to the above, Mr Infurna is also not qualified to obtain a warrant in terms of Chapter 327 of the Laws of Malta since he has been convicted by a court of criminal jurisdiction of crimes because of which, in the Council's opinion, Mr. Infurna may not be fit to practice the teaching profession in a school, as per paragraph (c) to Article 30(1) of Chapter 327 of the Laws of Malta;*

*(iii) Without prejudice to the above, Mr. Infurna is also not fit to practise the teaching profession, as per article 27(1)(a) of Chapter 327 of the Laws of Malta;*
*The Council consequently resolved to recommend to the Hon. Minister responsible for Education that Mr. Alessandro Infurna (ID 30398M) should NOT be awarded a temporary warrant." u dan kif jidher ahjar mill-ittra hawn annessa bhala* ***Dok 'A'****.*

4. *Illi jigi premess illi l-esponenti studja u temma' b'success Advanced Diploma in Sport (Development, Coaching and Fitness) u dan kif jidher mic-certifikat hawn anness bhala* ***Dok 'B'****. Illi sussegwentament huwa temm b'success 'Bachelor of Science (Honors) in Sport, Exercise and Health' hawn anness bhala* ***Dok 'C'****. Illi l-esponenti ghalhekk applika u gie accettat sabiex jattendi u jkompli l-istudji tieghu gewwa Universita ta' Malta u dan ghal kors 'MTL in Physical Education' u dan kif jidher mill-acceptance letter hawn annessa bhala* ***Dok 'D'****;*

5. *Illi bhala parti mill-istudji tieghu, l-esponenti kellu jaghmel teaching practice tant illi huwa kellu jibda teaching practice gewwa l-iskola Maria Regina College (Mosta Primary A) nhar il-Hamis 6 ta' Marzu 2025 ossija tlett ijiem biss wara li gie notifikat bl-ittra tal-Kunsill de quo hawn annessa u mmarkata bhala Dok 'A';*

6. *Illi in segwitu tal-istess decizjoni/rakkomandazzjoni moghtija mill-Kunsill dwar il-professjoni tal-Ghalliema f'Malta l-esponenti gie infurmat illi huwa ma setax jibda t-teaching practice, u ghalhekk ma setax jissodisfa rekwizit tal-istess kors surferut gialadarba huwa ma kellux temporary warrant;*

7. *Illi l-esponenti ħass ruħu aggravat mid-decizjoni/rakkomandazzjoni tal-istess Kunsill intimat u tal-Ministru tal-Edukazzjoni u dan stante illi l-istess Kunsill naqas milli jaghmel apprezzament tajjeb tal-fatti;*

8. *Illi fl-ewwel lok, l-appellanti jiddikjara illi huwa elegibbli li jinghata temporary warrant u dan senjament ghaliex l-istess fatti li bihom kien akkuzat fl-2017 illum gew decriminalised u dan skont l-Att dwar Dipendenza fuq id-Droga (trattament u mhux prigunerija) Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi filfatt l-esponenti fl-2017 instab bi kwantita' minima ta' Cannabis ossija fl-ammont ta' madwar 1.2 grams (zewg joints). Illi kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' dan l-appell, wara l-emendi li saru fil-Ligi bl-istess-agir li sehh fl-2017 l-esponenti illum l-anqas biss kien jigi akkuzat quddiem l-Qorti tal-Magistrati Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u b'hekk tant inqas ma kienet allura tittiehed id-decizjoni/rakkomandazzjoni illi huwa mhux elegibbli ghal warrant temporanju t'ghalliem;*

9. *Illi d-decizjoni msemmija hija wahda ghal kollox arbtrarja u mhux ibbazata fuq sens ta' proporzjonalita', raguni u gustizzja tant illi kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni ta' dan l-appell, l-istorja tal-esponenti hija wahda ta' riabilitazzjoni b'success fejn incident li sehh meta*

*huwa kellu biss 19 il-sena wasal sabiex l-esponenti jindirizza l-problema li huwa kellu, jkompli l-istudji tieghu b'success tant illi huwa qed jkompli l-istudji tieghu fl-livell ta' Masters;*

10. *Illi di piu' sabiex l-istess Kunsill wasal ghall-istess decizjoni, il-verzjoni tal-appellanti giet ghal kollox injorata u dan minkejja illi l-istess esponenti mal-applikazzjoni tieghu, talab lill-istess Kunsill sabiex jinghata fair hearing u sabiex jinstema' halli jkun jista jispega il-kaz tieghu u dan kif jidher mill-ittra hawn annessa u mmarkata bhala* ***Dok 'E'****;*

*Ghaldaqstant u in vista tas-suespost u ghar-ragunjijet ohra li jistu jigu mqajma matul it-trattazzjoni ta' dan l-umli appella, l-esponenti umilment jitlob lil dan l-Onorabbli Tribunal:*

1. *Joghgbu jhassar, jirrevoka u jannula d-decizjoni/rakkomandazzjoni tal-Kunsill Appellat datata 28 ta' Frar 2025*
2. *Jiddikjara illi l-appellant jikkwalifika sabiex jinghata l-warrant temporanju t'ghalliem;*
3. *Tordna kull provvediment iehor li dan l-Onorabbli Tribunal jidhrilu xieraq u opportun fic-cirkostanzi.*

Ra r-risposta tal-**Kunsill Dwar il-Professjoni tal-Għalliema f`Malta** ppreżentata fis-7 ta' April 2025 li permezz tagħha eċċepiet is-segwenti:

1. *Preliminarjament, l-azzjoni odjerna tar-rikorrenti hi improponibbli u intempestiva. Fil-fatt, ai termini tal-Kap. 327 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Kunsill dwar il-Professjoni tal-Għalliema f'Malta ("il-Kunsill") jagħmel biss rakkomandazzjonijiet lill-Onor. Ministru għall-Edukazzjoni, Sport, Żgħażagħ, Riċerka u Innovazzjoni ("il-Ministru") dwar l-għotja o meno ta' warrant temporanju ta' għalliem lil applikant, kif fil-fatt għamel fil-każ de quo permezz tar-rakkomandazzjoni tiegħu lill-Ministru datata 28 ta' Frar 2025 (Dok. 'A' anness mar-rikors tar-rikorrenti Infurna). <u>Skond l-Artikolu 25 tal-Kap. 327, id-deċiżjoni jekk applikant jingħatax warrant temporanju ta' għalliem (u b'hekk jekk ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tintlaqax jew le) tispetta biss u esklussivament lill-Ministru u lil ħadd iktar</u>. <u>Sa llum, il-Ministru għadu ma ħax deċiżjoni dwar jekk huwiex se jilqa' r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill datata 28 ta' Frar 2025 (Dok. 'A' anness mar-rikors tar-rikorrent Infurna) jew le</u>.*

   *Di più, l-Artikolu 32(1) tal-Kap. 327 jagħti dritt ta' appell (lit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva)* ***<u>biss</u>*** *minn <u>deċiżjoni tal-Ministru għall-Edukazzjoni</u> u mhux minn rakkomandazzjoni tal-<u>Kunsill</u>. Fil-fatt, fis-sentenza tagħha tat-12 ta' Ottubru, 2023 fl-ismijiet* ***Carmel sive Charles Cini vs. Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol et****, il-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) għamiltha ċara illi:*

   *"20. L-Art. 32(1) jagħti dritt ta' appell <u>mid-deċiżjoni tal-Ministru</u> li biha jiċħad talba għall-warrant jew li biha jiġi sospiż jew imħassar warrant u <u>mhux</u> dritt ta' appell mir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill lill-Ministru.*

   *…*

*24. Il-liġi inkwistjoni hija ċara sa fejn tagħti dritt ta' appell lit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva lill-persuna aggravata b'deċiżjoni tal-Ministru li biha jkun ċaħad talba għall-warrant jew li biha jiġi sospiż jew imħassar warrant." [Emfasi tal-Qorti]*

*In vista ta' dan kollu, billi l-azzjoni odjerna tar-rikorrenti qatt ma setgħet tiġi proposta, it-Tribunal għandu jiċħad it-talbiet kollha rikorrenti.*

2. *Mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent Segretarju Permanenti ma huwiex il-leġittimu kontradittur ta' din l-azzjoni billi ma għandu ebda involviment fl-għoti jew it-teħid ta' warrants ta' għalliema. Għalhekk, l-esponent Segretarju Permanenti għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju.*

3. *Mingħajr preġudizzju għas-suespost, u fil-mertu, l-Artikolu 30 tal-Kap. 327 jispeċifika x'inhuma dawk iċ-ċirkostanzi li għandhom iżommu persuna milli tikseb, jew li jwasslu għat-telf ta' warrant ta' għalliem, apparti li taħt l-Artikolu 27(1)(a) tal-Kap. 327, il-Kunsill għandu d-dmir li jiżgura l-ideoneità għat-tagħlim ta' kull persuna li tagħżel li tipprattika l-professjoni ta' għalliem (inkluż fl-interess suprem tal-minuri).*

   *Illi kuntrarjament għal dak allegat mir-rikorrent fir-rikors tiegħu, fil-każ odjern (<u>vide fedina penali hawn mehmuża u mmarkata bħala Dok. "X"</u>) jirriżulta li r-rikorrent kien ġie misjub ħati ta' diversi reati relatati mad-droga kannabis, inkluż, izda mhux limitatament, li "<u>biegħ jew xort' oħra ttraffika</u> raża meħuda mill-pjanta Cannabis jew f'xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi dina r-raża ... liema reat sar fi jew ġewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, club jew ċentru taż-żgħażagħ jew xi post ieħor fejn normalment jiltaqaw iż-żgħażagħ ..." u permezz ta' sentenza mogħtija fl-14 ta' Awwissu, 2017, hu ġie kkundannat għal piena ta' disa' xhur priġunerija u multa ta' ħames mitt Ewro, apparti li tpoġġa taħt ordni ta' trattament għal tliet snin.*

   *B'hekk ir-rikorrent huwa ipprojbit milli jikseb warrant ta' għalliem ex lege ai termini tal-paragrafu (a) tal-imsemmi Artikolu 30(1) tal-Kap. 327 u dana stante li nstab ħati minn qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali ta' delitt li għalih hemm piena ta' aktar minn sena priġunerija. Di più, in vista tal-fedina suesposta, il-Kunsill ikkonkluda ukoll li għandu japplika wkoll il-paragrafu (ċ) tal-imsemmi Artikolu 30(1) tal-Kap. 327, kif ukoll li r-rikorrent mhuwiex persuna idonea biex jipprattika l-professjoni ta' għalliem ai termini tal-Artikolu 27(1)(a) tal-Kap. 327. Għaldaqstant il-Kunsill irrakkomanda (inter alia ai termini tal-artikoli 27, 28 u 29 tal-Kap. 327) lill-Ministru illi r-rikorrent m'għandux jingħata warrant temporanju ta' għalliem. B'hekk il-Kunsill mexa totalment skond il-liġi, kemm fil-proċedura li segwa u kemm fil-kontenut tar-rakkomandazzjoni tiegħu, u t-talbiet tar-rikorrent għandhom jiġu miċħuda.*

4. *Mingħajr preġudizzju għas-suespost kollu, il-pretensjonijiet u t-talbiet rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan kif ser jigi ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża.*

5. *Mingħajr preġudizzju għas-suespost kollu, it-talbiet tar-rikorrenti għandhom fi kwalunkwe każ jiġu miċħuda wkoll għaliex, bir-rispett, skond id-dritt amminnistrattiv, ma huwiex l-irwol tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva li jissostitwixxi d-diskrezzjoni tiegħu għal dik tal-organu amministrattiv, ossia l-Kunsill u/jew il-Ministru, għaliex b'hekk ikunu qed jigu użurpati l-funzjonijiet ta' dak l-organu amministrattiv.*

Ra illi t-Tribunal ordna li tiġi trattata l-ewwel eċċezzjoni tal-intimati;

Ra n-Noti ta' Sottomissjonijiet tal-partijiet dwar l-istess eċċezzjoni;

Ra li r-rikors tħalla għal-lum għal sentenza dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-intimati.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent ħassu aggravat b'deċiżjoni tal-Kunsill intimat notifikata lilu permezz ta' ittra datata 28 ta' Frar 2025, liema ittra kienet tikkonsisti f'rakkomandazzjoni lill-Ministru intimat sabiex tiġi miċħuda t-talba tiegħu għall-ħruġ ta' *warrant* temporanju ta' għalliem.

Illi permezz ta' eċċezzjoni preliminari, l-intimati eċċepew li l-azzjoni odjerna hija improponibbli u waħda intempestiva stante li l-Kunsill intimat ta biss rakkomandazzjoni lill-Ministru intimat, u għalhekk id-deċiżjoni finali, minn liema jista' jsir appell, għadha ma ttiħditx.

Illi d-dritt ta' appell għar-rifjut tal-għoti ta' *warrant* ta' għalliem joħroġ minn artikolu 32 tal-Kapitolu 327 tal-Liġijiet ta' Malta li jaqra hekk:

*32.(1) Kull persuna li tħossha aggravata b'deċiżjoni tal-Ministru, li jkun iddeċieda skont ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill, li biha jiċħad talba għal warrant, jew meta ma tkunx ġiet notifikata lill-applikant id-deċiżjoni fiż-żmien stabbilit fl-artikolu 29, jew li biha jiġi sospiż jew imħassar warrant, taħt id-disposizzjonijiet ta' din it-Taqsima, tista',* ***fi żmien wieħed u għoxrin jum mill-avviż li jingħata lill-Ministru,*** *tappella lit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva u xi regolamenti applikabbli magħmula taħtu.*

*(2) Għalkemm ikun sar appell skont id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu, il-warrant jitqies sospiż jew imħassar, skont il-każ, pendenti d-deċiżjoni finali dwar kull appell li jista' jsir mid-deċiżjoni tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva u xi regolamenti applikabbli magħmula taħtu.*

Illi in sostenn ta' dak sostnut minnhom, l-intimati ċċitaw is-sentenza fl-ismijiet ***Carmel sive Charles Cini vs Ministeru ghall-Edukazzjoni u x-Xoghol et*** deċiża mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Superjuri) fit-12 ta' Ottubru 2023 fejn ġie affermat illi persuna aggravata tista' tappella biss minn deċiżjoni tal-Ministru intimat u mhux minn rakkomandazzjoni tal-Kunsill intimat.

Illi t-Tribunal ħa konjizzjoni wkoll tas-sentenza fl-ismijiet ***Giselle Galea vs Il-Kunsill dwar il-Professjoni tal-Għalliema f'Malta et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-6 ta' Novembru 2024 fejn il-Kunsill intimat kien ressaq aggravju identiku għall-eċċezzjoni taħt eżami fi stadju ta' appell. It-Tribunal josserva illi, pero`, dik il-Qorti ċaħdet l-appell interpost mill-Kunsill intimat stante li ma kinitx inġabet prova tad-deċiżjoni tal-Ministru intimat u kwindi ma setgħetx tiddeċiedi jekk l-aggravju kienx ġustifikat jew le. Madanakollu fl-istess sentenza intqal hekk:

*A fol. 212 tinsab esebita kopja tar-rapport tal-investigazzjoni li l-Kunsill hejja, indirizzat lill-Ministru ntimat u anki lis-Segretarju Permanenti tieghu, izda mkien* ***id-decizjoni finali tal-Ministru ntimat li minnha biss l-intimati qeghdin jinsistu korettement li hemm dritt ta' appell.***[1]

Illi pero` t-Tribunal jirrileva illi riċentement kien hemm ġurisprudenza oħra dwar jekk persuna aggravata tistax tappella mid-deċiżjoni tal-Kunsill intimat jew inkella trid tistenna d-deċiżjoni tal-Ministru, u dan senjatament fis-sentenza fl-ismijiet ***Mark Bugeja vs Il-Kunsill Dwar il-Professjoni tal-Ghalliema ta' Malta*** deċiża mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Infejuri) deċiża fil-21 ta' Mejju 2025 fejn intqal is-segwenti:

*12. Il-kliem tal-liġi huwa ċar, u* ***d-data entro liema għandu jitressaq l-appell quddiem it-Tribunal hija marbuta mad-data meta jingħata l-avviż lill-Ministru mill-Kunsill, u mal-ebda data oħra.***[2] *Għalhekk huwa ċar li l-appell tal-persuna aggravata jsir mir-rakkomandazzjoni li l-Kunsill jagħmel lill-Ministru u mhux mid-deċiżjoni tal-Ministru, li l-funzjoni tal-Ministru f'dan il-proċess hija limitata għall-attwazzjoni tar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill, inkluż fejn ikun hemm il-ħtieġa li l-warrant tiġi restitwita. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, tqis li l-ewwel aggravju tal-Kunsill appellant mhuwiex mistħoqq, u tiċħdu.*

Illi t-Tribunal jirrileva illi filwaqt li fil-każ appena ċitat, l-appellant kien ġie nfurmat mill-istess Kunsill li kellu dritt jappella fi żmien wieħed u għoxrin (21) ġurnata mid-deċiżjoni tal-istess Kunsill, liema avviż pero` ma ngħatax fil-każ preżenti, jikkondividi l-ġurisprudenza kkwotata fil-paragrafu preċedenti, u dana għaliex huwa tal-fehma illi ***"l-avviz"*** imsemmi f'artikolu 32 tal-Kapitlu 327 huwa proprju l-avviż li l-Kunsill intimat jagħti lill-Ministru tal-Edukazzjoni.

---

[1] Enfasi tat-Tribunal

[2] Enfasi tat-Tribunal

Madanakollu dan it-Tribunal jappella lill-Leġislatur sabiex jirfina l-istess artikolu ħalli ma jibqax ikun hemm lok ta' diżgwid fuq l-interpetazzjoni tal-istess, anke sabiex ikun ċar għall-persuna aggravata minn meta jibda jgħaddi ż-żmien għall-appell.

Illi għaldaqstant, it-Tribunal se jkun qiegħed jiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-intimati.

**DECIDE**

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-intimati u jordna l-prosegwiment tas-smigħ tal-kawża.

Bl-ispejjeż ta' din l-istanza kontra l-intimati.

**Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva**

**Antonella Cassar**
**Deputat Reġistratur**